TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/341/11/S

Gabriella Borda
Vs
Miller Distributors Limited

Illum 1 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Gabriella Borda datata 15 t'Awwissu,2011 u r-risposta tas-socjeta intimata Miller Distributors Ltd datata 19 t'Ottubru,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u/jew ir-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'straightener' tax-xaghar mixtri u li skont ir-rikorrenti, is-'salesgirl' kienet ikkonfermat li dan il-prodott jista' jintuza' kemm fuq xaghar xott kif ukoll fuq xaghar imxarrab;

Illi r-rikorrenti stess fit-talba taghha ma ssemmi ebda difett li kellu l-oggett ghajr li kellu effett hazin meta intuza' fuq xaghar imxarrab;

Illi fil-fatt Gabriella Borda nnifisha fix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal tikkonferma li *"l-prodott m'ghandu xejn hazin perse pero ma jaqbilx ma' xaghar imxarrab..."*;

Illi l-istess Gabriella Borda tkompli tghid li l-'hairstylist' li minghandu tablet parir, ikkonfermalha li mhux suppost jintuzaw prodotti simili fuq xaghar li jkun 'bleached' (kif kien taghha);

Illi minn dak li ghandu quddiemu t-Tribunal, ma jirrizulta ebda difett fil-prodott u ma ngabet ebda prova dwar dan;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti ppruvat tbiegh l-oggett u ddeskrivietu bhala f'kundizzjoni eccellenti;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax xi nuqqas daparti tas-socjeta intimata;

Illi jidher car li r-rikorrenti kellha ticcekkja sew kif u fuqiex jista' jintuza' dan il-prodott u b'hekk setghet taghmel decizjoni iktar infurmata fuq jekk tixtrihx jew le;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Gabriella Borda u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Miller Distributors Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru